Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 21/2020

Il-Pulizija

vs

**Ruby Sacco**

Illum, 11 ta' Gunju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Ruby Sacco, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 300300 (L), akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli bejn Jannar u Awwissu 2018 gewwa Triq San Gwann, Hal Safi:

1. Bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex tezercita jedd li ppretendiet li kellha gieghlet, bl-awtorita' taghha nnifisha, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixklet lil Elena Portelli fil-pussess ta' hwejjigha jew halliet bini jew kissret il-mixi tal-ilma jew hadet l-ilma ghaliha, b' xi mod iehor kontra l-ligi ndahlet fi hwejjeg haddiehor.

2. Ikkomettiet serq semplici ghad-dannu ta' Elena Portelli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta' Frar, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-Art. 85 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' malta sabet lill-imputata Ruby Sacco hatja biss tal-ewwel akkuza u bl-applikazzjoni tal-Art. 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta illiberatha bil-kundizzjoni li ma tikkomettix reat iehor fi zmien tlett xhur mill-llum, filwaqt li illiberatha mit-tieni akkuza fuq nuqqas ta' provi.

Inoltre l-imputata ghandha tirritorna l-qattusa inkwistjoni lill-parte civile fi zmien gimgha mill-llum b' dan illi f' dan it-terminu hija ghandha tbiddel id-dettalji tac-cippa tal-qattusa sabiex jirrifletti l-parte civile Elena Portelli bhala sid b' dan illi jekk ikun hemm nuqqas ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Art. 377 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment, il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imputata ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

Rat ir-rikors tal-appellanti Ruby Sacco minnha pprezentat fit-17 ta' Frar, 2020, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata tal-hdax (11) ta' Frar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) fl-ismijiet premessi, u dana in kwantu sabitha hatja ta' l-ewwel (1) imputazzjoni dedotta fil-konfront taghha, u konsegwentement tilliberha minnha, fil-waqt illi tikkonfermaha ghar-rigward it-tieni (2) imputazzjoni.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u dan jinsab fil-fatt illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw millprovi prodotti. Illi mill-istess provi prodotti kellha tirrizulta lill-Ewwel Onorabbli Qorti, l-innocenza ta' l-appellant u mhux il-htija taghha, u konsegwentement kellha tigi liberata minn kull htija.

Illi l-fatti in succint kienu s-segwenti:

Illi l-appellant kienet ilha titma lil din il-qattusa ghal xhur twal flimkien ma′ qtates ohra li sa fejn kienet taf hi u l-bqija tan-nies (li bhalha kienu jitimghu l-istess grupp ta′ qtates kienu jghixu barra), qatt ma′ kien hemm l-ebda tip ta′ indikazzjoni li setghu ikunu ta′ xi hadd. Dan in kwantu l-fatt li l-ebda qattus/a minnhom, inkluz il-qattusa in kwistjoni ma kellhom kullar jew xi tip ta′ identifikazzjoni ohra.
Illi kienet proprju l-qattusa nnifisha li pruvat kemm-il darba tidhol tiehu kenn fid-dar ta′ l-appellant, u kien wara hafna drabi li gara dan, li l-istess appellant hennet ghal din il-qattusa u cediet li ddahhalha gewwa darha. Dan ghamlitu wara li haditha ghand it-tabib u kkurata minn infestazzjoni ta′ berghud u infezzjoni akuta f′ ghajnejha.

Illi l-appellant hi midhla sew ta gruppi li jaghmlu hidma favur annimali abbandunati fejn taghmel ukoll b′mod regolari xoghol ta′ volontarjat u qatt ma rat xi ritratt ta′ l-istess qattusa li kienet giet mitlufa, jew semghet b′dan kif isir is-soltu minn nies li jitilfu lill-animal taghhom. Ghaldaqstant ma setghet qatt tobsor jew tkun taf li din setghet kienet ta′ xi hadd, aktar u aktar meta l-istess qattusa kienet ilha xhur twal tiekol mal-bqija tal-qtates li listess appellant kienet titma u tiehu hsieb b′ mod regolari. Din il-qattusa dejjem kienet tkun barra hdejn il-bieb tal-proprjeta ta′ l-istess appellant, xita u xemx, lejl u nhar, kontinwament tiprova tidhol gewwa malli wiehed jiftah il-bieb tal-blokk fejn toghqod l-appellant. L-ammont ta′ qtates li jghixu barra fit-triq, fil-gzejjer Maltin , huma mijiet ta′ eluf u hadd ma jmur jirraporta l-ghassa tal-puluzija jekk tigih hniena u jdahhal wahda gewwa tghix mieghu, specjalment jekk din ma tkunx pura u ta′ l-ebda razza, hekk kif inhuma msejjha qtates tat-triq! Ghaldaqstant din kienet ir-raguni ghalfejn l-appellant qatt ma marret l-ghassa tirraporta li dahhlet qattusa gewwa d-dar taghha mill-hafna li kienet titma u li kienu fi stat ta′ abbandun fejn sahansitra din il-qattusa in kwistjoni kellha tittiehed ghand il-veterinarju biex titfejjaq minn infezzjoni akuta f′ ghajnejha u titnaddaf sewwa minn infestazzjoni ta′ berghud qabel iddahlet gewwa. L-ebda qattus ikkurat u mizmum sewwa u li jippartjeni lil xi hadd go dar ma jkollu dawn is-sintomi!

Illi kien biss wara sitt (6) xhur li l-parte civile rat l-istess qattusa fil-gallerija tal-appellant u ddecidiet li kienet l-istess qattusa taghha u li pero ma kienet ghamlet l-

ebda rapport l-ghassa li tilfitha jew ahjar rapport lid-Direttorat talHarsien ta' l-annimali halli jekk din tinstab wiehed ikun jaf li setghet tkun taghha. Il-prassi ta' l-istess Direttorat hi li jekk jinstab annimal li mhux microchipped u hadd ma jmur ghalih fi zmien sebat ijiem allura dan l-istess annimal ikun jista jigi addottat minn kwalunkwe individwu li juri bizzejjed imhabba u li jkun iridu. F' dan il-kas ghaddew sitt (6) xhur bla ma hadd fittex lill-istess qattusa illi b' mod regolari kienet thobb tohrog tixxemex go l-istess gallerija fejn seta' jara kulhadd.

L-aggravji jirrizultaw mill-fatt illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ezaminatx sewwa x-xhieda prodotta kemm mill-esponenti, mix-xhieda l-ohra, u kif ukoll ghamlet apprezzament kompletament zbaljat tal-provi illi gew prodotti, b' mod partikolari s-segwenti;

1. Illi l-provi prodotti permezz ta' DNA u anke ritratti indikaw bic-car li din setghet ampjament tkun l-istess qattusa ta' Elena Portelli. Fir-rapport prezentat in rigward DNA gie rrapurtat li m'hemmx provi li mija fil-mija din hi l-qattusa in kwistjoni izda li hemm probabilita tajba li hi relatata ma' qattusa ohra li tghix ghand Elena Portelli, u ghal daqstant tista' tkun hi. Hekk kif ammetiet l-istess Elena Portelli l-qtates kollha taghha setghu johorgu fit-triq meta jridu mill-gnien u allura dan ma jzommhomx milli jitkattru u jkun hemm lok ta' riproduzzjoni. Il-kulur tal-qattusa huwa wiehed komuni mmens hekk imsejjah 'tal-madonna'. Meta l-veterinarju msejjah mill-istess parte civile kkonfronta r-ritratti u 'l qattusa nnifisha kien talfehma li din setghet tkun l-istess qattusa ghalkemm ikkummenta li l-pil seta' b'xi mod jinbidel inkwantu li kien ghadda ammont ta' zmien minn meta rritratti gew mehuda ghal meta hu kkonfronthom mall-qattusa.

   Illi ghalhekk m'hemmx prova ta' mija fil-mija li hi l-istess qattusa ghalkemm il-provi jindikaw li tista' tkun hi.

2. Illi ma kienet qatt l-appellanti li hadet hwejjeg ta' haddiehor jew pruvat b' xi mod tiehu l-ligi b'idejha, u tkun attrici ta' ragion fattasi, izda kienet proprju l-qattusa li pruvat ta' kemm-il darba ssib kenn ghandha. Kienet biss il-hniena

ta' l-appellant lejn il-qattusa li gieghlet lill-istess appellant iccedi u taghtieha kenn u kura gewwa darha, wara xhur twal.

Illi ghalhekk, l-esponenti ma kellhiex tinstab hatja ta' l-ebda akkuza li ngabet fil-konfront taghha.

**Ikkunsidrat.**

Illi in sintesi l-aggravji tal-appellanti huma tnejn u cioe fl-ewwel lok li l-Qorti ghamlet apprezzament tal-fatti zbaljati ghaliex fil-fehma taghha ma hemmx prova konkreta li l-qattus in kwisjtoni illum imesjjah Molly hu l-istess qattus li kien propreta tal-kwerelanti u fit-tieni lok ma jirrizultax li l-appellanti hadet hwejjeg haddiehor jew pruvat tiehu l-ligi b'idejha u ghalhekk fil-fehma taghha dan ir-reat ta' raggion fattasi ma jirrizultax.

Ili dwar l-ewwel akkuza u cioe dik ta' apprezzament ta' fatti jinghad li hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghallkonkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il- Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan issens "inter alia" l-Appell Kriminali : "Il-

Pulizija vs. Raymond Psaila et.";**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[1] ; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[2][3]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[4]" u ohrajn .)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[5], inghad illi :-

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba lgudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija. Illi sabiex taghemldan trid tesamina l-fatti kollha kompilati quddiem l-ewwel Qorti.

---

[1] Deciz mill-Qorti tal-Apeli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1994
[2] Deciz mill-Qorti tal-Apeli Kriminali nhar il-14 ta Frar 1989
[3] Deciz mill-Qorti tal-Apeli Kriminali nhar il-31 ta Mejju 1991
[4] Deciz mill-Qorti tal-Apeli Kriminali nahr il-31 ta Mejju 1991
[5] Deciz mill-Qorti tal-Apeli Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru, 1994

**PS 1433 J Saliba** xehed permezz ta' affidavit prezentat fl-atti u stqarr li nhar it-2 ta' Gunju, 2018 ghall-habta tas-6.00p.m Elena Portelli stqarret li kienet tilfet il-qattusa taghha xi tlett xhur qabel u nhar id-29 ta' Mejju, 2018 ghall-habta tas-6.00p.m kienet ratha ghand il-gara fil-gallerija. Stqarret li hija ghandha erba' qtates u jghixu fid-dar taghhom fejn ghandhom gnien kbir.

Spjegat li meta intilfet il-qattus din kellha kullar ma ghonqa u stqarret ukoll li x'hin rat hekk l-ghada 30 ta' Mejju, 2018 marret thabbat ghand il-gara u rat il-qattusa izda hadd ma fethilha il-bieb. Hija halliet nota tmal-bieb biex jghamlu kuntatt maghhom izda hadd ma ghamel dan Meta ma semghet xejn minghandhom regghet marret thabbat ghandhom fejn fethet wahda mit-tfal residenti f'dan il-fond izda irrifjutat li tghaddi l-qattus lilhom. Wara ftit Rose li tigi omm din it-tifla cemplet lil omm il-kwerelanta Elena li jisimha Lucienne u qaltilha li ma humiex se jghatuha l-qattus ghax-it-tfal taghha rabtu qalbhom maghha u kien ghalhekk li ddecidiet li tmur taghmel dan ir-rapport l-ghassa .

Huwa staqsa lil Elena ghaliex ma ghamlitx rapport meta tilfet il-qattusa din wiegbet li hasbet li l-qattusa kienet mejta u qatt ma ssuspettat li kienet ghand il-girien,

Il-pulizija tkelmet ukoll ma Rose Sacco in konnessjoni ma dan ir-rapport u din qaltilha li kienet gja iccipjat lill-qattusa f'isimha u li ma kienitx ser ithihielhom lura. Fit-3 ta Gunju 2018 Rose Sacco flimkien ma bintha Ruby marru l-ghassa tal pulizija ta' B'Bugia fejn pprezentaw id-dokument tac-cippa ta' l-imsemmija qattusa fejn mid-dokument irizulta li Rose iccipjat il-qattusa fi Frar 2018. Ruby qaltilhom li hija flimkien ma huha kienu jitimghu din il-qattusa flimkien ma qtates ohra u darba minnhom din il-qattusa dahlet ghandhom u kellha infezzjoni f'ghajnha u ghalhekk haduha ghand il-vet sabiex jikkurawha u sahansitra ghamlulha din ic-cippa fuq f'isimhom. Mistoqsija jekk il-qattusa kellhiex xi haga li biha setghu jittraccaw is-sid taghha precedenti wiegbu fin-negattiv. Ruby stqarret li kienet hadet il-qattusa ghand il-Vet flimkien ma huha Malcolm u irregistraw ic- cippa f'isem ommhom Rose.

**Elena Portelli** xehdet u spjegat li l-qattusa li ghamlet ir-rapport dwaraa kienet ilha ghandha ghal sitt snin sa mis-sena 2012 u kienu sabuha bhala kitten fil-gnien

taghhom stess.  Qalet li din il-qattusa flimkien ma l-ohrajn li ghandhom ma humiex kunsidrati bhala 'stray' izda bhala l-qtates taghhom u fil-fatt huma kollha imsewwin u kollha ittihdu ghand il-Vet u hadu l-vaccines li hemm bzonn. Vera li qatt ma ccipjawhom pero kollha ghandhom kullar  Tghid li l-qatttusa in kwistjoni jisimha Zghira u kellha kullar u qabel ma sewwiuha kellha kitten li ghadha ghandhom sa illum u jisimha Pippa  Hija fil-fatt esebiet ritratti taghhom li gew markati bhala dok EP1. Fil-fatt ghandha dokument li jindika li din il-qattusa kellha infection fis-sena 2013 u fil-fatt ghandha recurring *infection* bahal sintomi taghha Fil-fatt ghandha marda kronaka u ituha *cream* Tobradex u kienu ituhulha kif jdiher mid-dok EP2.

Spjega li huma ghandhom gnien kbir parti minnu imsaqqaf u l-qtates joqghodu fil-gnien pero l-ikel u xorb taghhom huwa gewwa. Tghid li l-qtates jidhlu u johorgu liberament mid-dar. Ipprezentat ritratt iehor li jindika l-gallerija tal-appellanti u l-gnien taghhom u l-prossimita ta' bejneithom u fil-fatt f'dan ir-ritratt hemm anke il-qattusa li l-kwerelanti tghid li hija taghhom

Stqarret li fit-2 ta' Frarm 2018 kienet imsifra u kienu cemplulha il-genituri taghha imbikma u qalulha li l-qattusa ma instabitx u staqsew lill- girien ghaliha izda hadd ma kien raha u ghalhekk hasbu li kienet giet avvelinata u mietet x'imkien. Izda fid-29 ta' Mejju, 2018 kienu kollha fil-gnien u l-qattusa bdiet thares lejn gallerija tal-kwerelanti u tinghi u meta harsu 'l fuq raw il-qattusa taghhom hemmhekk dik li hasbu li kient mietet . Hija gibdet video tal-qattusa taghhom Pippa tinghi u thares lejn l-qattusa li kienet fil-gallerija tal-gara kwerelanti. Dan il-video gie esebit permezz ta' USb li gie markat bhal dok EP5. Iddecidew li l-ghada kellhom imorru ihabtu l-bieb tal-gara izda hadd ma fethilhom. Imbaghad missierha rega mar fil-31 ta' Mejju, 2018u hallilhom ittra wara l-bieb biex jghamlu kuntatt maghhom izda ma ircevew l-ebda risposta minghandhom .

L-ghada l-1 ta Gunju, 2018 ommha regghet marret habtet il-bieb u kien hemm xi hadd mit-tfal u tkelmet maghhom u talbithom l-qattusa lura izda xi nofs siegha wara cemplet l-appellanti u qaltilhom li ma kienux ser ituhom l-qattusa u qaltilhom li ma kellhomx bzonnha ghaliex kellhom hafna qtates .

Spjegat li l-ghada kien hemm post fuq is-sit socjali Facebook imsemmi Puppy Love fejn Rose Sacco omm l-appellanti issaqsi fuq sitwazzjoni. Tghid li kienet taf li l-qatusa ma kienitx taghha izda ma kienitx iccipjata u kellha infection u li l-qattusa kienet tghix go gnien qabel. Qalet li kienet ser ticcipjaha l-ghada u cioe fit-3 ta' Gunju, 2018. Hija ipprintjat dawn il-posts li gew markati bhal dok EP6 . Uhud mill-kummenti kienu aggresivi hafna u ghalhekk marru ighamlu rapport l-ghassa . Taf li l-pulizija cemplu lil Rose Sacco u din wegbithom li kienet ser tibghat lit-tifel bil-qattusa izda dan qatt ma mar ghandhom biha. Indunaw li ma reidux jghaddu lura din il-qattusa u ghalhekk hassew li kellhom imexxu ghal Qorti.

L-kwerelanti stqarret li l-qattusa hija taghha u kienet registrata ghand il vet f' isimha u ma setghetx tifhem kif minn tant qtates fit triq hadu l-qattusa taghha li kellha kullar.

In kontro esami tghid li ghandhom erbat iqtates inkluz din li kienet ghand il –gara u li huma ilkoll razza komuni, wahda isejhulha 'tal-Madona' ohra grey Tabby, wahda ginger u ohra ginger bl-abjad.

Hija iddiskeviet din il-qattusa mertu tal-kwza bhala ta' kuluz griz Tabby ghandha build hafifa, piuttost znella, ghandha markings bojod ma wiccha u anke ma gedduma iktar cari milli bojod, ghandha *paw* minnhom aktar cara. Mistoqsija jekk il-qatates taghha jistghux johorgu barra fit-riq tghid li teknikament jistghu. Spjegat li l-appellanti hija *feeder* tal-qtates tat-triq u gili ikun hemm ghaxar qtates li tkun qed titma u taghha kien johrog biex jissocjalizza ma qtates ohra. Pero tghid li qatt ma ratha tiekol ghand il-kwerelanti, meta kienet tara l-qattus taghha barra kienet iddahhalha gewwa. Ikkonfermat li l-ahhar kullar li kellha kien '*glow in the dark*', silver u jidhrilha bir-roza u isfar.

**Lucienne Portelli** xehdet nhar is-27 ta' Novembru, 2018 [6] uspjegat li hija tigi omm Elena u ghandhom erbat iqtates u wahda minnhom kienet sparixxiet xi xhur qabel ma iddeponiet. Qalet li huma ghandhom gnien kbir u darba minhom raw il-qattusa fil-gallerija tal-gara. Tghid li t-tfal taghha marru ikelmu lil girien izda minkejja li kienu gewwa d-dar ma fethulhomx . Ftit wara zewghha baghat ittra izda ma

[6] Fol. 74

wegbux. Fl-1 ta Gunju, 2018 kienet ghaddejja u indunat li kien hemm il-bieb tal-komun miftuh u telghet u habtet mal-bieb u fethet wahda mit-triplets li toqghod fid-dar .

Introduciet ruhha u qaltilha x'kien gara li kienu tilfu l-qattusa u kienu rawha fil-gallerija taghhom. Din wigbitha li kienet sabet il-qattusa li kellha infezzjoni f'ghajnejha u haditha ghand il-vet . Qaltilha li l-qattusa kienet ilha ghandhom snin u rieduha lura pero l-appellanti qaltilhom li huma kkurawha u ma riditx itihilha lura ghaliex kienu drawha. L-appellanti qaltilhom li kienu anke iccipjaw il-qattusa. Tghid imbaghad harget oht l-appellanti u qaltilha li zgur li mhumniex ser ituhilhom lura.

Wara xi nofs siegha cemplitilha omm l-appellanti Rose u qaltilha li l-qattusa in kwistjoni kienet tmur wara l-bieb taghhom tinghi bil-guh izda wegbitha li ma jistax ikun ghaliex dejjem kienet titmaghhom. Qaltilha li l-qtates taghha kienu dejjem barra fi-xita u fix-xemx. Izda dan ma kien veru xejn. Qaltilha li bl-edukazzjoni taghha messha tkun taf li uliedha kienu ser ihossuha jekk tohdilhom l-qattusa li tant draw. Wegbitha li anke uliedha kienu drawha sitt snin izda l-argument waqaf hemm. Huma imbaghad irraportaw il-kaz lill-pulizija.

Tghid li din il-qattusa hija qattusa 'friendly' hafna. F'hin minnhom habiba taghha gharfitha bil-post li kien fuq il-face book li kellu 64 elf followers dwar din l-istorja tal-qattusa u hassitha imweggha bil-kontenut tal-kummenti li kienu ghaddejjin fil-konfront taghha ghalkemm ma kienitx identifikata fihom. Qalet li omm l-appellanti kienet taf li l-qattusa kienet taghhom tant li qaltilha *'Issa il-qattusa hij aahjar ghax qieghda fuq is-sodda u ghadnek hafna qtates'*. Ghalhekk minn kliemha ma kien hemm l-ebda dubbju li kienu jafu li l-qattusa kienet taghhom.

Ikkonfermat li huma ghandhom il-kitten ta' din il-qattusa u kienet din il-qattusa bintha li bdiet tinghi meta ratha fil-gallerija . Kienet binttha stess li gharfitha.

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Novembru, 2019 l-Qorti kienet innominat vet u cioe lil Dr Luke Vella Verzin sabiex jara l-qattus mertu tal-kawza ta' dawn il-proceduri u jara r-

ritratti eebiti mill-*parte civile* u jghamel paragun bejniethom sabiex jikkonferma jekk hiex l-istess qattus.

**Dr Luke Vella Verzin** xehed u pprezenta ir-rapport tieghu li gie markat bhal DOk LVV u kkonkluda minn studju komparattiv mizmum minnu li l-qattus li kien ghand l-appellanti huwa l-istess qattus li jidher fir-ritratti E u li ghalkemm kien hemm xi zviluppi minuri li sehhew matul il-hajja tal-qattus. Hafna mill-fattizji u marki tal qattus huma l-istess.

**Dr Marisa Cassar** xehdet u kkonfermat li kienet hadet zewg swabs minn fuq zewg qtates Molly u Pippa u sqarret li kienet baghtet is-swabs gewwa laboratorju akkreditat gewwa ir-Republika Ceka u tista tghid li mir-rizultat li irceviet ikkonfermat li hemm parentela fil-qtates. Tghid li z- zewgti qtates gew mehuda ghandhom minghand l-appellanti u minghand il-kwerelanti. Qalet li hija certa li hemm parentela u ghalhekk wahda mill-qtates hija jew omm il-qattus l-iehor jew ohtha minhabba li hemm *allele* komuni izda fil-qtates ma jinzammux statistika u allura ma jistax jinghad bl-ezatt x 'inhi l-parentela . Hija pprezentat ir-rapport taghha li gie markat bhala dok MC1.[7]

L-appellanti **Ruby Sacco**[8] xehdet minn rajha u b'mod volontarju u spejgat li tghix ma erbat hutha u missierha gewwa Hal Safi. Tghid li kien ilhom jitimghu lil din il-qattusa ghand il-mummy ghal xi hames snin pero kienet ilha tghix maghhom ghal xi sentejn fid-dar taghhom. Qalet li Molly dejjem kienet friendly u uriet interess biex tidhol gewwa ghandhom. Fil-fatt kienet aktar fidilha mill-qtates l-ohra. Qalet li qatt ma hasbet li kienet ta' haddiehor ghaliex Molly kienet tkun taht xi karozza jew hdejn xi bank jkun xi jkun it-temp. Anke jekk johorgu fil-gallerija kienet tohrog minn taht il-gallerija u tghajtilhom. Tghid li dak iz-zmien li kienu jitimghu lil Molly fit-triq kien hemm xi sebgha qtates ohra pero dak in-nhar meta xehdet kien hemm xi tlieta jew erbgha. Imma peress li Molly kienet friendly kienet tibza li ser jigrilha xi haga tigri barra.

---

[7] Fol. 113
[8] Fol. 118

Spjegat li fid-dar qatt ma kellhom annimali u ghalhekk qabel ma dahluha gewwa kellha tkellem lil missierha biex jixtru l-affarijeit ghall- qattusa u fil-fatt qabel ma dahluha gewwa ghamlu xi tlett gimghat jew erbgha idahluha u johorguha sakemm xtrawlha l-affarijeit.. Qalet li Molly kienet tidhol fil-flat u gili anke isbiuha wara il-bieb tigref mal-bieb biex jifthulha . Gili anke kienu jismawha tibki barra wara l-bieb biex jifthulha. Ghalhekk missierha kellu icedi ghall-pressjoni u dahluha gewwa.

Meta iddecidew li jdahluha hadulha ghand vet ghaliex kellha *eye infection* , kellha *fleas* u anke *ear worms* u iccipjawha . Il-vet qalilna li ma kienitx iccipjata u ghalhekk ghalina kien ifisser li kienet ta' hadd. Hija esebiet ritratt li gie markat bhala dok RS1 li juri l-qatttusa barra meta kienu jitimghuha u ritratt iehor dok RS2 meta kellha *eye infection* u *fleas.* Ir-ritratti dok RS 3 u RS4 huma ritratti taghha ta' meta haduha ghand il vet Dok RS 5 huwa tal-micro chipping. Wara Frar 2018 ma hallewx il-qattusa tohrog aktar 'l barra. Tghid li sa Gunju hadd ma kelllimhom. Izda imbaghad giet omm l-kwerelanti thabtilhom mal-bieb u qaltilha li kienet halliet ittra izda tikkonferma li ma kienitx ratha. Cemplet lil tal-Animal welfare ukoll u dawn ikkonfermaw li ma kellhomx rapport f'dan is-sens.

Spjegat li l-qattusa qeda tghix maghhom gewwa d-dar u fil-fatt tghid li qatt ma immaginat li ser tigi akkuzata li hadet il-ligi b'idejha meta l-qattusa kienet barra u minghalliha ghamlet att ta' karita.

Mistoqsija in kontro esami kif kienu l-qtates l-ohra tghid li kienu friendly ukoll fis-sens li tista tmisshom izda huma rabtu qalbhom ma Molly. Fir-ritratti esebiti minnha il-qtates jidru iduru ma hutha u juru li huma *approachable*. Insistiet li ghaliha l-qattusa kienet *stray* u in oltre hasset li kienet qed issalva qattusa. Stqarret li hija marret ghand il-pulizja meta baghtu ghaliha u minn hemm saret taf ukoll li ma kienx hemm rapport dwar qattus li intilef. Pero jekk il-qattusa illum tahrab taghmel post fuq face book u ittelgha posters fil-vicin. Qalet li kieku l-kwerelanti ghamlet xi poster kienet tkun taf li fil-fatt kellha sid ghaliex jghixu vicin xulxin. Tghid li kieku jigrilha hekk kul bieb f Hal Safi thabbat biex tfittxha.

Mistoqsija jekk kienitxx taf li l-kwerelanti kellhiex qtates tghid li kienet taf li kellha qattusa u cioe dik li qalet li tigi omm Molly ghax kien ikollha kullar pero kienet anke titmaghha mal-qtates l-ohra.

Ikkunsidrat,

Illi jidher li l-appellanti instabet hatja tar-reat ta' raggion fattasi. Issa mill-provi akkweziti dwar l-ewwel aggravju jinghad bla tlaqliq li kuntrarjament ghal dak li intqal mill-appellanti fir-rikors tal-appell taghha jinghad li gie pruvat b'mod sodisfacenti li l-qattus Molly li instab ghand l-appellanti hu proprjeta tal-kwerelanti Elena Portelli u dan kif stqarr l-veterinarju appuntat mill-Qoirti Dr Luke Vella Verzin li kkonkluda fir-relazzjoni tieghu li " from the above comparative study considering moinor developmental changes of the cat throughout her life , it is confirmative that the cat from the photos "E" is the same as the cat "L". Ghalhekk skond dan il-vet il-qattusa illum imsejha Molly ghand l-appellanti hija l-istess qattusa allura imsejha Zghira proprjeta ta' Elena Portelli. Di piu jinghad li sid l-istess qattusa Elena Portelli gharfet il-qattusa taghha minn diversi marki li kienu partikolari ghal dan il-qattus u huma dawk rilfessi fir-ritratti esebiti minnha. Dr Marisa Cassar serologista ukoll tghid li mill-esami komparativi li sar mill-iswabs mehuda minn fuq din il-qattusa Molly u dik fil-pusess tal-kwerealnti li allegatament hija omm Molly jirrizulta li kien hemm *allele* li kienu fl-istess li jindika l-parentela.

Di piu ukoll issir referenza ghal-post miktub minn omm l-appellanti fejn hemm deskritt l-istess storja dwar fatti identitici ghal kaz odjern fejn hemm ammissjoni li l-qattusa kienet fil-proprjeta tal-kwerelanti proprju fi-gnien taghha barra skond hi fix-xita u fix –xenx u li kienet flimkien ma qtates ohra. Illi a bazi ta' dawn il-fatti l-ewwel Qorti setghet tasal ghal gudizzju li waslet ghalih u cioe li l-qattusa illum bl-isem Molly hija proprjeta tal-kwerelanti. Ghalhekk dan l-aggravju li l-ewwel Qorti ghamlet gudizzju zbaljat li ma setghetx tasal beix tghid li l-qattusa kient tal-kwerealnti qed jigi michud.

Dwar it-tieni aggravju u cioe dik li l-elementi tal-fatti kif kompilati ma iwaslux ghas-sejba ta' htija tar-reat ta' raggion fattasi u dan ghaliex l-elementi ta' dan ir-reat ma jissustux. M'hmmx dubbju li l-akkuza ta' raggion fattasi hu reat u ghalhekk jehtieg li

jkun hemm prezenti iz-ewg elementi dak materjali mgharuf bhala l-*actus reus* u dak intenzjonali u cioe l-*mens rea*, liema zewg elementi iridu jissusistu flimkien

Illi dan l-appell jirrigwarda l-applikazzjoni tal-Artikolu 85 tal-Kap 9 li jirrigwarda l-eżerċizzju arbitrarju ta' pretensjonijiet. Ir-reat ta' ragion fattasi huwa speċi ta' żona grigja bejn il-kamp ċivili u dak kriminali.

L-offiza tar-ragion fattasi dderivat fil-ligi taghna mill-Artikolu 168 tal-Kodici Naplitan jew Codice del Regno delle due Sicilie tal-1819. L-offiza giet klassifikata mil-legislatur taghna bhala wahda middelitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u amministrazzjonijiet ohra. Il-**Professur Sir Anthony Mamo** fin-noti tieghu fuq il-Ligi Kriminali fit-tieni volum, iddeskriva dawn l-offizi kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja bhala s-segwenti:

*'These crimes attack the State but indirectly, inasmuch as, without being actuated by motives hostile to the Government, they proceed from other causes, often of a private character and affect those social institutions on and by which the machinery of the Government rests and moves: those institutions, that is to say, which provide the means of guaranteeing to every member of the community the integrity of his rights and those benefits which derive from the state of civil society.'*

Il-gurista **Francesco Carrara**[9] fil-ktieb tieghu jiddefinixxi l-offiza tar-ragion fattasi bhala ssegwenti:

*'La ragion fattasi è il delitto di chiunque credendo di aver un diritto sopra cosa nell'altrui possesso, o sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all'autorita' pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti.'*

Fil-kawza **<u>Il-Pulizija -vs-Anthony Micallef</u>**[10] il-Qorti ddefiniet din il-offiza bhala s-segwenti:

*'Ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, u aktar preċiżament id-delitt ta' l-użu kontra l-ligi mill-privat tas-setgħat ta' l-awtorita' pubblika.* ***L-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali hu intiż mhux biex jipproteġi l-***

[9] Volum V fil-Parti Specjali
[10] Deciz mill-Qorti tal-Apeli Kriminali nhar it-30 ta' Lulju 2004

***proprjeta', mobbli jew immobli, ta' dak li jkun - għal tali protezzjoni hemm l-azzjoni ċivili – iżda biex jipprevjeni l-użurpazzjoni mill-privat tas-setgħat ta' l-awtorita'pubblika.*** *Isegwi għalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni mogħtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet ċivili, jekk jirriżulta bħala fatt li kien hemm lużurpazzjoni ravviżata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għandhom jaġixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali.'*(enfazi mizjuda)

Minn hawn johrog bic-car li l-Qrati ta' Gustizzja Kriminali fl-ezami tal-imputazzjoni taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali huma mghobbija bl-ezami jekk il-privat u f'dan il-kaz l-appellanti Ruby Sacco, uzatx l-awtorita' taghha innifisha flok irrikorriet ghand l-Awtoritajiet kompetenti.

Illi l-elementi tar-reat in diżamina ġew maġisterjalment miġbura fid-definizzjoni analitika mogħtija mill-Imħallef W. Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża "**Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et.**[11] "(App. Krim. 1-1.10.1944, Vol.XXXll - IV, p.768) u **Il-Pulizija -vs- Professur Henry Frendo**[12] dawn jinkludu:

1) Att estern li jispolja lil xi ħaddieħor minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi , liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni espresso jew presunta, ta' dan il-ħaddieħor;

2) Il-kredenza li l-att qiegħed isir b'eserċizzju ta' dritt;

3) Il-koxjenza fl-aġent li hu qiegħed jagħmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika u

4) In-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi. (Ara . App. Krim. '**Il-Pulizija vs Carmel magħruf bħala Charles Farrugia**[13], App. Krim. **Il-Pulizija vs Spiro Bartolo**[14], **il-Pulizija vs Reno Micallef** [15] u oħrajn)

Jinghad qabel ma din il-Qorti tesamina l-erbgha elementi fil-kwadru tal-provi prodotti li dawn iridu jirrizultaw ilkoll flimkien sabiex l-Qorti tista tikonkludi li r-reat jirrizulta sodifacentement pruvat.

---

[11] Deciz mill-Qorti tal-Apeli Kriminali nhar l-1 ta Ottubru 1944 - Vol.XXXll - IV, p.768
[12] Deciz mill-Qorti tal-Apeli Kriminali nhar id-19 ta' Awwissu 2005
[13] Deciz mill-Qorti tal-Apeli Kriminali nhar is-17 ta Frar 1995
[14] Deciz mill-Qorti tal-Apeli Kriminali nhar id-9 ta Jannar 2006
[15] Deciz mill-Qorti tal-Apeli Kriminali nhar is-6 ta Gunju, 1995

**1. Att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-haddiehor.**

Dwar l-ewwel element u cioe dak ta pusess jsir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Mario Bezzina** [16] fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

'Ghall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi "*il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu sufficjenti ghall-avverament tal-ipotesi tal-ligi" (ara appell kriminali* **Il-Pulizija v. George Zahra**[17]*,. Min ikollu oggett misluf lilu ghat-tgawdija tieghu ghandu il-pussess materjali ta' dak l-oggett. Taht l-artikolu 85 tal-Kodici imina li ma hemm ebda bzonn li jigi pruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk.*'

Jinghad li mill-provi prodotti jirrizulta bic-car li l-qattusa hi proprjeta tal-kwerelanti u kien jghix ghandha ghal sitt snin ghalkemm jirrizulta ukoll li gili kien johrog mill-gnien taghha. Jirrizulta u dan ma jidhrix li hu kontestat li l-appellanti gabret dan il-qattus mit-triq minn quddiem id-dar taghha. Ghalhekk fl-edba hin ma jirrizulta li bl-agir taghha l-appellanti ipprivat b'mod volute lill-kwerealnti mill-pusess u tgawdija tal-qattus. Dan ghaleix fil-mument tat tehid tal-qattusa mit-triq l-appellanti hasbet li kienet qed taghmel xi opra ta karita bili fil-ftt hadet din il-qattusa ghadn il veterinarju sabiex tfejqu minn ear infection,eye infection min 'fleas'. Illi sa dak il-hin ma kien hemm xejn x'jindika li l-qatusa kien tal-kwrelanti. Qabel ma gabret din il-qatusa imkien ma rat li kien hemm xi avviz ta qattusa li kienet nieqsa. Dan hu konfermat ghaleix is-sid proprju haseb li kient giet avvelinata u mietet xi imkien. Raporti la mal-animal welfare u lanqas mal-pulizija ma ghamlet

**2. Il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt**

Illi hawnhekk irid jigi determinat x'intenzjoni kellha l-appellanti meta wettqet l-allegat -reat jekk kellhiex l- intenzjoni li tiehu l-ligi b'idejha u dan biex tezercita' dritt li tahseb li ghandha jew inkella intenzjoni ohra li tikwalifika f'reat divers minn dak li qieghed jigi ezaminat. Hekk inghad fis-sentenza **Il-Pulizija -vs- Eileen Said**[18] '*...fis-sens li l-agir ta' dak li ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu*

[16] Deciz mill-Qorti tal-Apeli Kriminali nhar is-26 ta' Mejju 2004
[17] Deciz mill-Qorti tal-Apeli Kriminali nhar is-16 ta lulju 1958 - vol XLII.iv. 1453
[18] Deciz mill-Qorti tal-Apeli Kriminali nhar id-19 ta' Gunju 2002

*ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju.'*

L-intensjoni tal-appellanti zgur li kien wiehed divers minn dak rikjest ai fini ta' dan ir-reat. Dan qed jinghad ghaliex l-appellanti gabret dan il-qattus fil-fehma taghha biex ittih kenn mill-periklu tat-triq u sabiex ma tkomplix titimghu fit-triq izda tiehu hsiebu tikkurah minn gewwa darha tant li anke hadet hsieb li taghmel il-mircro chipping tieghu

**3. Il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika**

Il-gurista **Francesco Carrara** fil-ktieb tieghu **Programma del Corso di Diritto Criminale** sabiex jispjega dan il-elementi jaghti zewgt ezempji:

*'Example 1: If by mistake A extends the boundary on the property of his neighbour, A has materially deprived a dissident from the enjoyment of a piece of land – first element. A had the belief of exercising his right – second element. But A is not guilty of ragion fattasi, because the third element is lacking. A did not have the consciousness that he was exercising an authority belonging to a public authority.*

*Example 2: A visits his friend B at his residence but does not find him there. A sees a book that he had lent to B, and takes it, in the belief that B will not oppose. If it happens that B opposes and does not want to return the book because he pretends a right over it, then there is the first element of the offence. First element - A has deprived B of a thing which he enjoyed and did in spite of the opposition of B. Second element - A has done this in the belief of exercising his right. However the third element is not present, because the first element is not reproduced in the mind of the agent. The intentional element in its second criterion is lacking because A did not know that B opposed or presumed that B will oppose, '…perchè io non ebbi coscienza di far cosa ingiusta nella forma*[19].

*If on the other hand A knew that B opposed or presumed that B will oppose to give back the book, because (for example) he bound the book or on the basis of any other plausible motive: if A conscious of that opposition, waited for the right moment that B was absent from his residence, to enter and take back the book - that is the third element of ragion fattasi. A knew*

[19] Ibid. 544.

*of the dissent and in spite of such dissent he deprived B from the enjoyment: A considered unjust the retention of the book: A however did not want to open a lawsuit: and thus without recourse to the competent authority and 'di privato braccio' took the book with the intention to regain possession.'*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta skond dak ma qalet l-appellanti li hija kienet tima din il-qattusa ghal certu zmien fit-triq. Ili din il-qattusa kienet friendly hafna u kienet tmur tfittixha minn rajha tant li kienet tidhol fil-komun ta' fejn toqghod u tistenniha wara il-bieb u anke tigref il-bieb biex thalliha tidhol gewwa. L-apellanti tghid ukoll li damet gimghat qabel ma dahlitha d-dar titmaghha barra u wara li ikkonvinciet lil missierha u xtrat l-affarijiet ghal kura taghha li dahlitha gewwa. Qalet ukol li meta dahlitha gewwa kienet f'kundizjzoni hazina tant li kellha infezzjoni f'ghajneja, kelha il-fleas u anke anke ear worms u haditha ghand il vet taghha. Dan hu provat bic-certifikati esebiti.

Tghid ukoll li ma kellhiex kullar ghalkemm dan hu kontestat ghaliex il-kwerelanti tghid l-oppost. Jirrizulta zgur li rapport l-ghassa min naha tal kwerelanti li l-qattusa taghha kienet mitlufa qatt ma sar min naha taghha. Tghid li hi qatt ma immaginat li ser tigi akkuzata li hadet il-ligi b'idejha u dan ghaliex fil-fehma taghha ghamlet att ta' karita ma qattusa billi tatha kenn mit-triq. Tghid li l-qattusa damet ghanda min Frar sa Gunju u qatt ma rat xi poster li itndika li kien hemm xi qattus nieqes jew xi post fuq xi sit socjali u kieku gralha hekk lilha kienet tmur thabbat bieb bieb u tistaqsi dwar il-qattusa taghha.

Illi ghalhekk l-intensjoni tal-appellanti ma kienx wiehed fejn hija issuspettat li din il-qattusa kellha sid u ghalhekk kienet qed tagixxi wara darha bl-tnensjoni biex tipprivaha mill-pusess taghha izda kienet qed tagixxi bil-ghan li taghti kemm lil qattus fit-triq u issalvaha mill-perikoli tat-triq. Hija fl-ebda hin ma titfa xi ombra fuq il-fatt li kienet konxja li kienet qed tippriva lill-appellanti mill-pusess taghha fil-mument li hija gabret il-qattusa mit-triq. Dan mhux qed jinghad ghall-istat ta fatt ta illum fejn allura l-appellanti tista tesponi ruhha ghal procedure civili fil-konfront taghha izda limitatament ghal proceduri kriminali u cioe ghaliex l-intensjoni

kriminuza il-mens rea kien  mankanti meta gabret il-qattus u cioe fil-poerijdou indikat fil-komparixxi u ghalhekk dan it-tielet element ma jirrizultax . L-appellanti qatt ma kienet konxja jew setghet tkun konxja mill-opposizjoni tal-kwerelanti ghaliex ma kienet taf xejn dwar r-relazjoni li kellha il-kwerelnti ma dinil-qattusa fiz-0zmien indikat fic-citazzjoni.

**4. In-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.**

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li fil-fatt dak li ghamlet l-appellanti fil-fatt setgha jaqa' taht disposizjjoni tal-ligi fejn ir reat hu aktar gravi

Ghalhekk in vsita tas-suespost ghalkemm jirriuzlta li l-qattus hu prorpjeta tal-appellanti u mhux tal-kwerealnti ma jirrizultax ghas-sodisfazzjoon tal-qorti fil-kwadru tal-provi prodotti li r-reat ta' raggion fattasi jirrizulta. Ghalhekk din il-Qorti thoss li l-appellanti kellha ragun dwar it-tieni aggravju kif imressaq fir-rikors taghha u konsegwentement din il-Qorti sejra tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ikkonfermat lill-appllanti m' ghandhiex tinstab hatja tal-akkzua ta' serq u illiberatha min ntali akkzua u qeda tirrevokaha fir-rigward ta dik il-parti tas-sentenza fejn sabet l-appellanti hatja tal-akkuza ta' raggin fattasi u ghalhekk qeda tilliberaha minn kull akkuza u konsegwentement mill-piena imposta.

**Dan pero bla preguidzzju ghall-kwerelanti sabiex tinizja proceduri civili kontra l-appellanti sabiex tiehu lura l-qattus taghha minghand l-appellanti  jew sabiex tigi prezentata kwerela ohra biz- zmien differenti  issa li l-akkuzata taf li l-qattusa ma hiex taghha**

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur